MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2010

Appell Kriminali Numru. 457/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Louise Calleja)**
**Vs**
**Anthony Theuma**
**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :
1. fil-5 t'Awwissu, 2000 bejn it-3.00 p.m. u l-5.00 p.m., f'Marsascala w f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'eghmil zieni kkorrompa lil omissis, minuri ta' erbatax-il sena w dan bi ksur tal-artikolu 203(1) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta;
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, minghajr ordni skond il-ligi tal-awtorita' kompetenti w barra mill-kazijiet fejn il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil omissis minuri ta'

erbatax-il sena w dan sabiex bhala mara tigi mgieghla taghmel jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha w dan bi ksur tal-artikoli 86 u 87(1)(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta' omissis ta' erbatax-il sena w dan bi ksur tal-artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Novembru, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 203, 207, 86 u 87 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu bl-assorbiment tat-tielet akkuza fl-ewwel wahda w ikkundannatu ghal sena habs dan anke wara li rat l-artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-7 ta' Dicembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata w tilliberah minn kull htija w piena w fin-nuqqas tirriforma s-sentenza billi tapplika s-sentenza ta' habs sospiz a tenur ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti :-
1. illi l-Ewwel Qorti naqset milli tevalwa x-xhieda ta' l-istess appellant meta hemm konflitt serju minn dak li xehed hu u l-istess omissis li kif jirrizulta fil-mori tal-proceduri biddlet sostanzjalment il-verzjoni taghha aktar u aktar meta ma kienitx konformi ma dak li kienet irrapurtat originarjament disa' snin ilu fil-5 t'Awwissu;
2. illi dan jikkostitwixxi dubju serju dettat mir-raguni liema dubju kellu jmur favur l-appellant u zgur fil-konfront tat-tieni akkuza dwar il-ksur ta' l-artikolu 86 u 87(1)(g) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikoli l-ohra 203(1) u 207 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. illi l-Qorti skartat ix-xhieda importanti ta' Dr. Khalid El Nahhal u xhieda ohra bhall-istess stqarrija kif redatta mill-Ispettur Camilleri w ohrajn li anke dawn jitfghu dubju serju dwar il-veradicita' tax-xhieda tal-kwerelanti;
4. illi l-Qorti meta giet biex taghti s-sentenza applikat piena ta' sena habs effettiva meta fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, f'kaz ta' htija w wara t-ttrapass ta' kwazi ghaxar snin mir-rapport tal-kaz u wara wkoll li l-appellant kull ma jidher li ghandu fil-fedina penali fl-ahhar kaz li kellu kien semplici incident stradali li sehh f'Ottubru 1988 u iehor ta' l-1999, meta b'sentenza tal-Qorti kien instab hati dwar kaz relatat mat-traffiku wkoll meta ma kienx avza lill-Kummissarju tal-Pulizija li ddispona mill-vettura JBA 496, jew dwar bidla tas-sid u kien gie moghti l-artikolu 9 skond dak iz-zmien il-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' malta ghal perjodu ta' xahar wiehed. U li ghalhekk illum li l-appellant ghandu l-familja wara dawn is-snin kollha, qieghed jahdem, jghix hajja normali bhala missier kien ikun iktar f'waqtu fic-cirkostanzi kollha tal-kaz illi jsir "a pre-sentencing report" biex il-Qorti tikkonsidra bis-serjeta' li ma jkunx hemm sentenza ta' habs effettiv imma li l-appellant jinghata cans li qatt ma nghata ta' setenza habs sospiza fic-cirkostanzi kollha tal-kaz inklux id-dewmien ta' dawn il-proceduri illi s-sentenza nghatat aktar minn disa' snin wara minn meta gie akkuzat.

Semghet it-trattazzjoni fl-udjenzi tal-21 ta' Jannar u tal-4 ta' Frar, 2010;

Semghet ix-xiehda tal-vittma omissis, llum maggorenni, fl-udjenza tal-4 ta' Frar, 2010 ;

Hadet in konsiderazzjoni l-mahfra tal-vittma maghmula fl-ahhar udjenza;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghall-udjenza tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi anki f' dan il-kaz, kawza li bdiet bhala procedura sommarja hadet aktar minn disgha snin biex tigi trattata w

deciza quddiem l-Ewwel Qorti. Il-kaz gie quddiem din il-Qorti biss fis-7 ta’ Dicembru, 2009. Bhal kif ghamlet f’ kazijiet ohra, din il-Qorti ma tistax ma tosservax li dan id-dewmien esagerat qed jiznatura l-process kriminali w ghalkemm din il-Qorti tifhem u tapprezza li biz-zieda enormi fil-kompetenza tal-Qrati tal-Magistrati f’ dawn l-ahhar snin, dawn gew inondati bix-xoghol u qed jahdmu taht pressjoni liema bhalha, b’ dana kollu xorta wahda ghandu jsir kull sforz biex dawn il-kawzi jigu decizi kemm jista’ jkun malajr, kemm fl-interess tal-persuna akkuzata w kif ukoll fl-interess tas-socjeta’ li f’ isimha tkun qed issir il-prosekuzzjoni. Huma l-gudikanti li jirregolaw it-*“tempo*” li bih titmexxa – jew ma titmexxiex - kawza. Ghalhekk din il-Qorti terga ttenni li din is-sitwazzjoni, li ma tikkoncernax biss din il-kawza, ma hix accettabbli w hemm bzonn li tigi korretta b’ mizuri legizlattivi li jassikuraw li dawn il-kawzi jigu decizi fi zmien ragjonevoli izda li jkun mandatorju w stabbilit bil-ligi.

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel tlitt aggravji tal-appellant jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi li sar mill-Ewwel Qorti. Kif dejjem gie ritenut, hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f’dan is-sens *“inter alia”* l-Appell Kriminali **: “Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.”** [12.5.94; **“ir-Republika ta’ Malta**

**vs. George Azzopardi** " [14.2.1989]; **"il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace"** [31.5.1991] **; "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**" [31.5.1991] u ohrajn .

"Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn **LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY** fil-kawza **"R. v. Cooper**" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

"*assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)

Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta' htija dwar it-tlitt imputazzjonijiet li taghhom instab hati l-appellant .

Ikkonsidrat;

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu fil-qosor is-segwenti:- Il-vittma kienet stiednet ruha b' idejha biex tmur fuq l-*speed boat* tal-appellant li fuqha eventwalment rikeb ukoll guvni iehor li kien ko-akkuzat quddiem l-Ewwel Qorti, pero', wara l-mahfra tal-vittma, nstab hati biss tal-akkuza ta' attentat vjolent ghall-pudur. Dwar x' gara fuq id-dghajsa f' nofs ta' bahar hemm konflitt fil-provi. Fil-waqt li l-vittma ssostni li z-zewg guvintur nehhewlha l-bra w ppruvaw inehhulha ukoll il-qalziet tal-malja w l-appellant sahansitra gieghlha taghmel atti ta' libidini mieghu , l-appellant jichad li sar xi abbuz sesswali u jghid li hu kien

biss ghamel xi kumplimenti lit-tfajla w xejn aktar u li kien l-iehor li nehhielha l-bra w messha.

Inoltre l-vittma tghid li meta hija wriet li ma riedetx li jsir dak li riedu l-guvintur, l-appellant heddidha li jitfaghha l-bahar u li peress li hi ma kienetx taf tghum, kienet kostretta li tibqa' fuq il-*boat* u tissubixxi l-atti li saru fuqha. Kif nizlet l-art pero' hi kienet pronta sabet zewg Pulizija w rraportat dak li kien gralha. L-appellant jichad dan kollu w ghalkemm jistqarr li f' xi hin il-vittma kienet qaltlu li ma tafx tghum, jghid li hu dahhalha lura lejn l-art meta qaltlu li kellha biss sittax il-sena.

L-Ewwel Qorti ghamlet ezami dettaljat tal-provi w ddecidiet li taccetta l-versjoni tat-tfajla minuri milli dik tal-appellant. Din il-Qorti qieset il-motivazzjoni dettaljata li tat l-Ewwel Qorti biex waslet ghall-konkluzzjoni taghha w, a skans ta' ripetizzjoni inutili tad-dettalji li jirrizultaw mill-provi traskritti, tghid bla tlaqlieq li ma ssib xejn x' ticcensura fl-apprezzament tal-provi li ghamlet dik il-Qorti. Ghalkemm verament hemm konflitt fil-provi, kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Joseph Thorne**" [9.7.2003]:-

*"…mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux."*

F' dan il-kaz dan l-ezercizzju sar mill-Ewwel Qorti w din il-Qorti tara li l-Ewwel Qorti setghet liberament u *"safely and satisfactorily"* taccetta l-versjoni tal-vittma minnflok dik tal-appellant.

Ghalhekk bhala fatt jirrizultaw l-elementi kollha tar-reati li taghhom l-appellant instab hati w cioe' l-korruzzjoni ta' minorenni, s-sekwestru tal-persuna w l-attentat vjolent ghall-pudur li, f' dan il-kaz, jkun assorbit fir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni taht l-ewwel imputazzjoni, skond l-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali.

Ikkonsidrat;

Li pero' fil-mori tal-appell il-vittma li llum ghandha erba' w ghoxrin (24) sena, hafret lill-appellant.

Illi ghalkemm ir-reati ta' korruzzjoni ta' minorenni w ta' attent vjolent ghall-pudur huma prosegwibbli biss fuq istanza tal-parti offiza skond l-artikolu 203 (3) u l-artikolu 544 ( c ) tal-Kodici Kriminali rispettivament, skond il-proviso tal-istess art. 544, meta xi wiehed minn dawn id-delitti isir flimkien ma reat iehor li jolqot l-ordni pubbliku, l-azzjoni kriminali titmexxa indipendentement mill-azzjoni tal-parti privata. Inoltre stante li l-atti inkriminati f' dan il-kaz huma akkompanjati mir-reat tas-sekwestru tal-persuna (li hu reat li jolqot l-ordni pubbliku) u saru fuq dghajsa fl-apert fl-eqqel tas-sajf barra lokalita' tal-villeggattura fejn facilment ikunu ghaddejjin dghajjes u bcejjec tal-bahar ohra, dawn kienu qed isiru f' lok pubbliku jew post espost ghall-pubbliku w ghalhekk dawn l-atti minnhom innifishom kienu jikkostitwixxu l-elementi tar-reat ta' offiza ghall-pudur jew ghall-morali maghmula fil-pubbliku, prosegwibbli ukoll *ex officio* skond l-artikolu 209 tal-Kodici Kriminali, liema reat ukoll jolqot l-ordni pubbliku.

Ghalhekk il-mahfra tal-vittma f' dan il-kaz tista' biss tagevola lill-appellant fir-rigward tal-piena izda mhux li tezawrixxi l-procediment kriminali.

Ikkonsidrat;

Illi r-raba' u l-ahhar aggravju tal-appellant jirrigwarda l-piena. Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar il-piena adegwata attinenti ghal dan il-kaz.

Mill-banda wahda qieset il-gravita' tar-reati kif ukoll il-fedina penali tal-appellant li turi li mill-1994 sal-2001 hu kien issubixxa hdax (11) il-kundanna mill-Qrati, fosthom, darba minnhom, ghar-reat kontinwat ta' serq u danni volontarji, apparti diversi reati tat-traffiku w amministrattivi.

Mill-banda l-ohra qieset pero' li dawn il-kundanni jirriferu ghall-reati kommessi mis-sena 1994 sas-sena 2001 w li f' dawn l-ahhar disa' (9) snin l-appellant jidher li zamm il-boghod mill-hajja kriminuza.

Qieset ukoll li issa kwazi ghaddew ghaxar snin mill-kommissjoni tar-reati, li l-vittma hafret u li l-appellant illum jahdem u mizzewweg bit-tfal.

Ghalhekk f' dan il-kaz thoss li hu applikabbli dak li rriteniet din il-Qorti fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Nikola Farrugia et."** [2.10.2002] u cioe' li:-

*"… t-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma."*

Jidher li f' dan il-kaz l-appellant zamm lura mill-ksur tal-ligijiet fil-perkors ta' dan il-process hekk twil u dan jinduci lil din il-Qorti li tapplika fil-kaz tieghu id-dispozizzjoni tas-sentenza sospiza.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu bl-assorbiment ghall-fini tal-piena tat-tielet imputazzjoni fl-ewwel imputazzjoni w fejn ikkundannat lill-appellant ghall-piena ta' sena prigunerija, b' dana pero' li ma dan qed izzid li, a tenur tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, qed tordna li din is-sentenza m' ghandhiex tibda' ssehh hlief jekk, matul il-periodu ta' erba (4) snin mill-lum, l-appellant jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija .

Il-Qorti qed tispjega bi kliem car lill-appellant ir-responsabbilta' tieghu taht l-artikolu 28B jekk hu jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija matul l-erba (4) snin li gejjin.

Finalment, tigbed l-attenzjoni tar-Registratur ghall-obbligu tieghu skond l-artikolu 28A (8) tal-Kodici Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------